TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 228/11

**Anna Camilleri**
**vs**
**Panama Jack**

Illum 27 ta' Jannar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-16 ta' Mejju, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' disgħa u sebgħin ewro (€79) rappreżentanti prezz ta' *boots* illi wara li ntuża, marritilha l-ġilda fil-ponta.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *boots* għal prezz ta' disgħa u sebgħin ewro (€79) fit-13 ta' Novembru, 2010 u wara li libsitu minn tmienja sa għaxar darbiet, il-ponta tal-*boots* tqattgħet.

Ir-rikorrenti ssottomettiet ukoll illi l-*boots* kien ġie manifatturat ħażin.

L-intimat issottometta li dan tqatta' bl-użu u li huwa *soft boots* u li għalhekk ma jiflaħx għal użu eċċessiv.

**It-Tribunal jinnota illi:**

Wara li spezzjona l-*boots*, it-Tribunal jinnota illi kemm dik il-*boot* waħda li tqattgħet il-ponta, kif ukoll kien hemm brix fuq il-*boot* l-oħra, t-Tribunal jikkonkludi li ż-żarbun tqatta' b'xi użu eċċessiv.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888